MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Numru. 253/2003

Il-Pulizija
Spettur Geoffrey Azzopardi
vs
Joseph Galea

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u id-19 ta’ Marzu, 2003 mill-ufficju Parrokkjali tan-Naxxar, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Rev Saviour Micallef u / jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-LM50, izda hija inqas minn LM500 u li saret ghad-dannu ta’ Rev. Saviour Micallef u / jew persuni ohra;

U nakkuzah aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Marzu, 2003 fil-Mosta bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, hin, lok u l-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000);

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

U fl-ahhar nett talli sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 28 ta’ Ottubru 1993 kif ukoll f’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 24 ta’ Marzu 1997 u 24 ta’ Marzu 1998, liema sentenzi saru definittivi;

Rat il-verbal tad-difiza fis-seduta tad-19 ta’ Marzu 2003 fejn talab illi jigu mahtura esperti psikjatri mill-Qorti sabiex jezaminaw lill-imputat, jezaminaw il-kundizzjoni medika tal-imputat u rat illi l-Qorti dakinhar kienet hatret ghal dan l-iskop lil Dr Joseph Cassar, Dr David Cassar u Dr Joseph Spiteri.

Rat il-verbal tad-difiza tas-26 ta’ Gunju 2003 li permezz tieghu l-Avukat Difensur tal-imputat eccepixxa illi l-imputat kien mignun fit-termini tal-Ligi fiz-zmien tar-reat u jew mignun fit-termini tal-Ligi fiz-zmien tal-kumpilazzjoni u dan fit-termini tal-Artikolu 33 tal-Kap. 9. Dr Giglio ghall-imputat spjega li kien qed jaghmel din l-eccezzjoni wkoll ai termini tal-Artikolu 402 (1) (a) tal-Kap. 9. Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 402 (1) (a) u 402 (3) hatret lil Dr Joseph Cassar, Dr David Cassar u Dr Peter Fenech sabiex jezaminaw lill-imputat u jiddeterminaw jekk l-istess imputat kienx mignun fiz-zmien tal-kumpilazzjoni u ordnat li sa kemm tircievi ir-rapporti tal-periti iz-zminijiet imsemmija fl-Artikoli 401, 407 u 432 (3) kellhom jitwaqqfu.

Il-Qorti rat il-verbal taghha tat-12 ta’ Settembru 2003 fejn inter alia irrizulta mir-rapport tal-parti esebit u mahluf illi l-

imputat kien mignun fiz-zmien tar-reat u ghalhekk il-Qorti ordnat illi l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghatu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mil-Ligi. Il-Qorti ai termini tal-Artikolu 623 tal-Kap. 9 ordnat illi l-imputat jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli biex hemm hekk jibqa taht kustodja mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-taqsima 4 tal-Att dwar is-sahha mentali Kap. 262 sezzjoni 43 jew kull disposizzjoni ohra ta' Ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-akkuzat skond dan. Rat ir-relazzjoni tal-periti psikjatri Dr David Cassar, Dr Joseph Cassar u Dr Peter Muscat illi tinsab esebita a fol. 45 sa fol. 56 tal-process.

Illi l-konkluzzjoni peritali tal-esperti psikatrici kienet illi l-imputat ghadda minn diversi trawmi f'hajtu li setghu affettwawlu il-personalita kif ukoll l-imgieba tieghu. Izjed importanti ghall-fini ta' dan il-kaz Joseph Galea ibaghti minn kundizzjoni kronika tal-Manic Depressive Disorder. Minhabba dan, kien kemm il-darba marid serjament, fejn kien ta' perikolu ghalih innifsu minhabba attentati ta' suwicidju u fejn ripetutament kellu jiddahhal gewwa facilitajiet ta' kura mentali. Fiz-zmien tal-allegati reat Joseph Galea kien qed ibaghti minn kundizzjoni ta' psikozi affettiva ta' natura ta' ipomanija. Dan hu stat ta' genn fit-terminu tal-Ligi fejn l-imputat ma kellux il-fakulta jiddistingwi bejn dak li hu tajjeb u dak li m'huwiex tajjeb u ma kellux kontroll fuq l-imgieba tieghu. Kemm ilu l-isptar jidher illi issa l-kundizzjoni tieghu hija kontrollata bil-kura. L-imgieba tieghu hija tajba. Tul is-snin l-imputat wera zminijiet twal fejn ma kellu xi "insight" jew gharfien tal-kundizzjoni tieghu u fejn ripetutament waqaf u irrifjuta li jiehu kura. Hi l-fehma professjonali taghna illi jibqa essenzjali li Joseph Galea jibqa jiehu kura fit-tul u li hu jibqa regolari taht is-solverjanza u l-kura tal-konsulent psikjatra tieghu.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 330, 278, 279(b), 41(1)(a), 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u demghet lil Dr Giglio ghall-imputat jiddikjara li kien qieghed jirremetti ruhu ghar-relazzjoni illi saret mill-esperti psikjatrici.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti u dan waqt is-seduta tat-18 ta' Frar, 2005.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi d-Difiza mill-ewwel ressqet l-eccezzjoni illi l-imputat kien mignun fiz-zmien tar-reati u jew fit-termini tal-Ligi fiz-zmien tal-kumpilazzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kap. 9 fis-26 ta' Gunju, 2003. Wara din l-eccezzjoni tad-difiza il-Qorti hattret lil tlett esperti psikjatrici sabiex jezaminaw l-istat mentali tal-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 33 tal-Kap 9 jiddisponi kif gej :
Il-persuna tkun ezenti mir-responsabbilta kriminali jekk filwaqt ta' l-att jew tan-nuqqas (a) kienet fi stat ta' genn; jew (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirresisti ghaliha.

Illi mir-rapport psikjatriku ta' Dr Peter Muscat, Dr Joseph Cassar u Dr David Cassar irrizulta mill-konkluzjoni tal-periti psikjatrici illi ghal zmien twal l-imputat baghta minn dipressjoni, repettutament u frekwenti. Jidher illi l-kundizzjoni tieghu issa hadet xejra ohra bi zvilupp ta' stat ta' ipomanija li kienet prezenti waqt l-allegati reati. Tul is-

snin, l-imputat kellu jidhol l-isptar diversi drabi kemm f'Malta, kif ukoll barra minn Malta. Kien hemm ukoll drabi meta ha "overdoses" serji ta' pilloli biex joqtol lilu innifsu. L-esperti psikjatrici ikkonkludew illi ghall-fini ta' dan il-kaz l-imputat ibaghti minn kundizzjoni kronika Manic Depressive Disorder. Minhabba dan, kien kemm il-darba marid serjament, fejn kien ta' periklu ghalih innifsu minhabba attentati ta' suwicidju. Fiz-zmien tal-allegat reat l-imputat kien qed ibaghti minn kundizzjoni ta' psikozi affettiva ta' natura ta' ipomanija. Dan hu stat ta' genn fit-termini tal-Ligi fejn l-imputat ma kellux il-fakulta jiddistingwi bejn dak li hu tajjeb u dak li m'huwiex tajjeb u ma kellux kontroll fuq l-imgieba tieghu. Matul is-snin l-imputat wera zminijiet twal fejn ma kellu l-ebda insight jew gharfien tal-kundizzjoni tieghu u fejn ripetutament waqqaf u irrifjuta li jiehu kura li l-fehma professjonali tal-esperti psikjatrici huwa essenzjali li l-imputat jibqa jiehu kura fit-tul u jibqa regolarment taht is-solverjanza u l-kura tal-konsulent psikjatra.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet illi ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti qeghda tilqa l-eccezzjoni tad-Difiza u ai termini tal-Artikoli 33 u 623 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara illi l-imputat fiz-zmien illi fih allegatament ikkommetta dawn ir-reati kien ibaghti minn genn u ghaldaqstant huwa ezenti minn kull responsabbilita kriminali. Inoltre il-Qorti tordna illi l-istess imputat jinzamm taht il-kustodja fl-isptar Monte Carmeli sabiex hemm hekk jibqa taht kustodja mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-taqsima 4 tal-Att dwar is-sahha mentali, jew kull disposizzjoni ohra ta' Ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizzjoni tigi notifikata lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------